*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 83**

**Il-Tnejn 15 t'April 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Desiree Attard- Viċi Sindku
Daniel Spiteri- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Minuti**

**83.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**83.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-Kunsillier s-Sinjura Elizabeth Cassar, il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard u l-Kunsillier s-Sur Daniel Spiteri infurmawh illi mhux ser ikunu jistgħu jattendu għal laqħa.

- Is-Sindku qal li jixtieq jirringrazzja lil dawk il-Kunsilliera li wrew sogħba miegħu fi żmien diffiċli bit-telfa ta' ommu is-Sinjura Jane Calleja.

**83.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 82 tas-25 ta' Marzu 2019:</u>***

**83.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar tkellem fuq paġna 5 artiklu 82.3.5 għandha tinbidel u ssir:

*"Huwa stqarr illi jekk il-Kunsill jrid jkun kredibbli fuq l-oġġezzjoni tiegħu rigward ir-reklamazzjoni tal-art ma jistax imbgħad il-Kunsill jkun favur mal-bini tal-Universita` Amerikana fiż-Żonqor, lanqas mal-bini tal-Kunsill fi Ġnien Sant'Anna, lanqas ma bini ta' pixxina ġdida u lanqas mal-bini tal-eks Jerma għaliex dan huwa ġenoċidju amjentali. Huwa qal illi jekk il-Kunsill ser joħroġ stqarrija sabiex l-oġġezzjoni tal-reklamazzjoni tal-art, għaldaqstant jrid joġġezzjona fuq il-proposti l-oħra wkoll."*

**83.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 5 paragrafu 9 għandu jżidied kif ġej:

*''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu l-aħħar li kien sema fuq din il-materija kien mid-diskors tal-Prim Ministru li qal dwar din il-materja għad m'hemm xejn u li ġon-naħa tas-South ma kien hemm l-ebda ħsieb li jsir.''*

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**83.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 7 artiklu 82.3.5 jekk kellniex xi risposta rigward il-master plan.

Is-Sindku reġa rrefera għal meta kien ltaqa mal-Onor Ian Borg fejn kien qallu li qed jaħdmu fuqha pero għad m'għandna xejn bil-miktub.

**83.2.2** Is-Sindku staqsa fuq paġna 10 artiklu 82.7.8 rigward il-parkeġġi tal-Goto għaliex biddilna xi toroq. Is-Sindku qal li dawn ma kienux mxew sewwa mal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm xi toroq li ma kienux adekwati u l-Kunsill alloka postijiet aktar addattati.

**83.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 82.2.2 jekk hemmx xi feedback rigward l-ittra li bgħatna lill-Kummissarju.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadna ma rċivejna l-ebda risposta.

Is-Sindku qal illi iħoss li l-ittra li bgħatna kienet iebsa wisq u d-deċiżjoni sabiex tintbgħat din l-ittra kienet afrettata.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-kontenut tal-ittra kien diskuss mall-Kunsilliera qabel ma ntbgħatet l-ittra.

Is-Sindku qal illi l-problema hi li jekk min jirraporta ma jkunx lest li jitla jixhed il-każ jaqa.

Is-Sindku qal illi fil-weekend li għadda kien hemm attivita` ġewwa iz-Zion fejn talbuh il-permess u hu ma sab l-ebda problema u infurmhom illi l-permess finali irid joħroġ mill-Pulizija pero` kien hemm ħafna tgergir mir-residenti minħabba l-istorbju li kien hemm u allura prmessi ta' din ix-xorta ghandhom jigu diskussi fil-Kunsill qabel tingħata *no objection.*

Kien hemm qbil illi nerġgħu nibgħatu reminder lill-Kummissarju.

**83.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 it-tieni paragrafu rigward ix-xogħolijiet li qed isiru fi Triq il-Qaliet u qal illi x-xogħol mixi bilmod ħafna.

Is-Sindku qal illi tkellem mas-Sur Robert Schembri mill-Infrastructure Malta u għandu laqgħa mar-Rock Cut l-istess kuntrattur illi qed jaħdem quddiem il-knisja. Kompla jgħid illi kien hemm xi problema għaliex il-Perit Cutajar ma riditx illi jsir shuttle bus miż-Żonqor u allura l-gandott dam xahrejn u nofs biex tlesta. Is-Sindku żied jgħid illi hu infurmat illi x-xogħol ser jitkompla wara l-Għid.

Is-Sindku qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kienu ġew infurmati mill-Infrastructure Malta illi l-mollijiet ser jiġu tranġati pero` sabu diffikulta` kbira sabiex isibu kuntrattur li lest li jaħdem u din hi problema li qed naffaċċjaw fil-preżent. Każ ieħor hu fi Triq iż-Żinżell fejn il-Kuntrattur Denfar kellu jagħmel ix-xogħolijiet pero xi Ministeru kellu bżonnu għal xi xogħolijiet oħra allura waqaf min Triq iż-Żinżell. Kompla jgħid illi hu għamel ħafna tentattivi sabiex dan il-kuntrattur ikompli ix-xogħol pero kien kollu ta' xejn pero` issa wara li tkellem mas-Sur Robert Schembri infurmah illi ix-xogħol ser jitkompla permezz ta' sub contractors. Is-Sindku qal illi rigward ix-xogħolijiet fi Triq il-Qaliet għandha issir laqgħa Nhar it-Tnejn 22 t'April 2019.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk ix-xogħol minn Villa Sant'Anna sa San Tumas mhux ser jitlesta sas-sajf ser ikollna ħerba kbira fil-lokalita`.

**83.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 paragrafu 6 u staqsa jekk infurmajniex lill Perit fir-rigward tal-proposta tal-Kunsill biex tidjieq ic-centre strip u t-toroq isiru two lane.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi informa lill-Perit sabiex toħroġ il-pjanti fuq is-survey li diġa sar.

**83.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-kuntrattur tal-patching ppreżentax id-dokument rikjest.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi d-dokument ġabu ċioe` il-*performance bond*.

**83.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fi Triq ix-Xatt hemm bżonn li jsir patching sew.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi hu bagħat lill-Infrastructure Malta sabiex ikun jista jiltaqa magħhom u jiddiskuti t-toroq li hemm fil-ħsieb li jsiru min naħa tal-Gvern sabiex ma nerġgħux nirrepetu l-iżball illi issir triq umbgħad terġa issir min naħa tal-Gvern Ċentrali. Kompla jgħid ukoll illi jsir jiddiskuti magħhom ċertu toroq li hemm mniżżla sabiex isiru għaliex hemm ċertu toroq li m'għandhomx bżonn li jsiru u minflokhom tajjeb li jsiru oħrajn li verament għandhom bżonn.

**83.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 artiklu 82.3.2 jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-Magħluq.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bins għadhom ma tneħħewx.

Is-Sindku qal illi flok domes ser isiru bins on wheels u tneħħiet id-dgħajsa li kien hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ra fuq il-media illi l-proġett tal-Magħluq ħaduh in-Nature Trust u ser tfittex fondi biex jitnaddaf il-Magħluq. Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab li nikkonfermaw g]aliex dan se jfisse ħafna iktar dewmien.

**83.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 9 artiklu 82.7.3 jekk kelnix xi risposta rigward il-proġett tal-Inwadar.

Is-Sindku qal li ġie infurmat illi ser issir attivita mill-isbaħ ġewwa l-Inwadar ifl-11 u 12 ta' Mejju 2019 bit-tema medjevali.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li għal din l-attivita nieħdu ħsieb li nnaddfu l-area u li jkollna attendant fil-lattrina.

**83.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm bżonn nieħdu azzjoni sabiex jitneħħew id-dgħajjes li hemm wara l-pixxina.

Kien hemm qbil li niktbu lis-Sur Ramon Deguara tal-Cleansing dwar dan.

**83.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**83.3.1** **<u>Proposal for art in public spaces 2019-2021 for Marsaskala (35/1370/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-istess artist li għamel l-iskultura tar-ras il-Ħuta reġgħa avviċinana bi proġett ta' skultura oħra din id-darba jittratta id-diversita'. Jekk dan il-proġett jingħażel il-Kunsill irid iħallas il-bażi fejn titpoġġa l-iskultura flimkien mal-ispejjeż tal-applikazzjoni tal-Planning Authority. Il-bqija tal-ispejjeż ikunu imħallsa mill-iskema jekk il-proġett jingħażel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jaqbel fil-prinċipju illi issir din l-iskultura pero ma jafx kemm hi ideja tajba li jsir fi Ġnien Sant'Anna dan minħabba li ser ikun qed jostakola l-unika viżjoni li hemm mill-knisja.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi hu ma jaqbilx li din l-iskultura issir ġewwa Ġnien Sant'Anna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jissuġerixxi li jsir faċċata tal-wiesgħa krejattiva Alfred Debono.

Is-Sindku qabel li ssir fuq il-promenade faċċata ta' Wesgħa Krejattiva Alfred Debono.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi tajjeb li ssir konsultazzjoni mar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jista jsir ukoll parti mic-central strip li hemm quddiem il-BOV.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk issir mac-central strip ikun hemm bżonn konsultazzjoni mar-residenti għaliex fuq il-promenade mhux ser taffettwa lill ħadd.

Kien hemm qbil unanimu illi l-iskultura issir pero` l-aktar post adattat huwa fuq il-promenade faċċata tal-wesgħa Krejattiva Alfred Debono.

**83.3.2 Request for urgent estimate re Urban Greening 2019:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma kienx ser jieħu sehem f'din l-inizjattiva pero hemm l-ammont ta €30000 x'jistgħu jintużaw għal tħħawwil ta' siġar u pjanti fil-lokal, kompla jgħid illi sabiex il-Kunsill ikun jista jieħu sehem kien hemm bżonn li jinħareġ sample ta' tender u dan sar filwaqt li bgħat għal xi stimi mingħand nurseries sabiex ikun jaf l-ammont pero` s'issa għadu ma rċieva l-ebda risposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fit-tender niżżel bħala xogħlijiet fost l-oħrajn 20 pot bi shrubs fil-Bandli taż-Żonqor 37 washingtonia għal fuq il-promenade u anke 120 shrubs ġewwa l-iskola.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fil-bandli taż-żonqor ma hemmx spazju sabiex isiru pjanti jekk mhux fuq iċ-ċint kif kien indikat fil-pjanta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm ċans li dawn jinħarqu bir-rħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi importanti li l-pots ma jkunux tal-plastik.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ser jitneħħew 30 tamarisk min Triq is-Salini u ser jitpoġġew fi Ġnien San Tumas kif ukoll 2 washingtonia ser jitħawwlu fi Triq San Ġorġ.

Kien hemm qbil dwar dan.

**83.3.3 Hop on Hop off buses:**

Is-Sindku qal illi tkellem mal-Onor Herrera u aċċertah illi f'Marsaskala ser ikun hawn is-servizz tal-hop on hop off buses.

**83.3.4 Palm:**

Is-Sindku infurma lill-Kunsill illi l-One Productions ser ituna 7 palmiet sabiex inkunu nistgħu inħawwluhom fil-lokal u dawn se jitħawlu f'7 pots fi Triq is-Salini.

**83.3.5 Reklamazzjoni tal-art f'Marsaskala:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara wieħed mil-komunikati li rċevejna fuq din il-materja mingħand diversi residenti fejn ma jaqblux illi issir ir-reklamazzjoni tal-art f'Marsaskala.

**83.3.6 Informazzjoni dwar reklazzjoni tal-art (35/1462/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li l-Kunsill bgħat l-ittra lil entitajiet li xtaq irċivejna risposta mill-ERA fejn qalet illi min naħa tagħhom kull ma talbu kien studju preliminari mill-perspettiva ambjentali.

Is-Sindku qal illi min naħa tiegħu hu ma qabilx li ntbgħatet din l-Istqarrija Stampa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi rċivejna risposta mill-Onor Herrera fejn qal illi ser jiltaqa mall-Kunsill fiż-żmien opportun.

**83.3.7 L-Inwadar:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar stqaqsa jekk irċivejniex risposta fuq il-proġett tal-Inwadar.

Is-Sindku qal illi mill-informazzjoni li għandu fil-proġett hemm indikat li ser ikun hemm comunal bbq area ser ikun hemm afforestazzjoni n-naħa tax-Xgħajra kif ukoll ser tiġi skavata il-fortizza tal-Kavallieri.

Il-Kunsill qabel illi nibgħatu lill-entita ikkonċernata fejn ninfurmawhom illi l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li din hija area ODZ u għandha tingħata importanza ekologika kif ukoll li jżommu l-Kunsill infurmat bl-iżviluppi ta' dan il-proġett.

**83.3.8 Monitoring services for Marsaskala Local Council (35/1345/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Dr Buhagiar huwa l-bniedem tekniku li jattendi f'isem il-Kunsill fil-laqgħat mal-Wasteserv rigward l-SAWTP.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk il-Kunsill għandux informazzjoni jekk u meta ser jitneħħa l-impjant ta' Sant'Antnin skond kif kien ħabbar il-Gvern li sr jitneħħa fi żmien seba snin.

Is-Sindku qal illi sa issa m'għandna l-ebda informazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm qbil illi lil Dr Buhagiar inħallsu aħna għas-servizzi tiegħu umbgħad niġu rifużi mill-Wasteserv.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekkil-Kunsill hux ikollu kopja tar-rapporti min Dr Buhagiar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Dr Buhagiar ġieli jibgħat korrispondenza lil Wasteserv fejn jikkopja lill-Kunsill u li ser jinfurmah sabiex jagħmel dan.

**83.3.9 PC/00024/18 Proposed change in building alignment Eashouse No 9 Triq il-Grigal c/w Triq is-Sajjieda Marsaskala (35/1450/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wasal l-appell tal-iżviluppatur dwar din l-applikazzjoni fejn l-Kunsill kien oġġezzjona għaliha, kompla jgħid illi d-data tal-appell għadhom ma nfurmawniex biha.

**83.3.10 Price increase in training centre (35/1618/19/I):**

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri iddikjara kunflitt ta' nteress u ħareġ mil-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntratt tal-post fejn il-Kunsill jikri bħala training centre wasal biex jiskadi u s-sid infurmana illi l-kirja ser tgħola u dan bid-doppju tal-prezz kemm il-kirja tal-post kif ukoll il-kirja tal-kamra li jikru l-LEAP u b'hekk irridu ninfurmawhom sabiex jinfurmawna jekk humiex interessati li jibqgħu jikru il-kamra.

Is-Sindku staqsa jekk dawn il-korsijiet jistgħux isiru fis-sular ta' fuq tal-Kunsill sabiex niffrankaw il-kirja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-post mhuwiex adekwat.

Is-Sindku qal illi għalkemm il-kirja irdupjat l-prezz huwa dak li hawn fis-suq għal appartament b'żewġt ikmamar tas-sodda iġifieri jekk il-Kunsill jipprova jsib post ieħor xorta il-kirja ser tkun b'dan il-prezz jekk mhux għola.

Kien hemm qbil unanimu illi ninegozjaw mas-sid sabiex il-prezz jibqa marbut għal tlett snin u l-Kunsill jista jittermina il-kuntratt b'avviż minn sitt xhur qabel.

- Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal lura għal laqgħa.

**83.4** **<u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**83.5** **<u>Rapporti:</u>**

**83.5.1** **<u>Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2019/01- Works for the upgrading of St Anne's Garden Marsaskala in an environmentally friendly matter:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi kif diġa ġie spjegat fis-seduta preċedenti l-offerta kienet inħarġet u kien hemm offerent wieħed li issottometta din l-offerta iżda l-amont li kien tefa kien ħafna aktar mill-valur stmat. Huwa kompla jispjega illi kif kien talab il-Kunsill fil-laqgħa preċedenti il-bord kien talab għal discount u l-offerent tefa d-*discount* tiegħu li jammonta għal €155.025.00. Għalkemm il-Kunsill ingħata dan id-*discount* l-ammont aktar mil-valur stmat kien ta €66,361.50 (70%) u għaldaqstant il-Kunsill qabel illi peress li s-Segretarju eżekuttiv għotjena estensjoni sa Novembru 2019 din l-offerta taqa u tinħareġ oħra.

Kien hemm qbil unanimu.

**83.5.2** **<u>Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjoni MLC 02/2019- Supply and Installation of Playground soft flooring:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ħareġ kwotazzjoni għat-tapit fil-Bandli Mifsud Bonnici pero l-bord għadu qed jevalwa din il-kwotazzjoni għaliex talab għal xi kjarifiki pero ried jistaqsi il-Kunsilliera jekk ituhx il-fakulta fejn la darba l-bord jieħu deċiżjoni jkunx jista jmexxi bix-xogħol awtomatikament.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**83.5.3** **<u>Service of an Accountant and Accountant technician for the Marsaskala Local Council:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi xi sentejn ilu kienet inħarġet direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq it-tender tal-accountant fejn kienu infurmawh illi dan it-tender irid ikun maqsum fit-tnejn dak ta Accountant u Accountant technician fejn il valur ta' kull offerta jittieħed b'mod individwali u jintagħżel l-orħos għal kull offerta fejn dan ser jikkawża problema għaliex jekk l-accountants ikunu tnejn differenti fejn wieħed jgħamel ix-xogħol ta' inputting u l-ieħor x-xogħol ta' accountant din ser tikkawża problemi fl-accounts tal-Kunsill u dan kien li ġara fl-offerti li ntefgħu li l-orħos offerta tal-Accountant ma kientx l-orħos offerta tal-Accounts technician, kompla jgħid illi reġgħa tkellem mad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn infurmana illi nistgħu noħorġu l-offerta xorta maqsuma f'żewġ sezzjonijiet pero il-prezz finali ikun dak globali u mhux by lots, għalhekk il-Kunsill ser iwaqqa t-tender u jerġgħa joħroġa pero` fil-frattemp ser tibqa ittina s-servizz l-Accountant li għandu bħalissa l-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**83.5.4** **<u>KLM 2019/02 Cleaning upkeep and maintenance of public gardens and soft areas using environmentally friendly products and practices:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur illi għandna fil-preżent ELC mhux ser jibqa jitfa l-offerti tiegħu u għalhekk kellna offerta mingħand kuntrattur wieħed u l-bord għadu qed jevalwa din l-offerta.

**83.5.5** **<u>Approvazzjoni ta' rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart Jannar-Marzu:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ir-rapport finanzjarju.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart u s-Sindku s-Sur Mario Calleja issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**83.6** **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ:</u>**

Ma kien hemm l-ebda item ieħor.

**83.7** ***<u>Korrispondenza:</u>***

**83.7.1** **<u>Informazzjoni dwar reklamazzjoni tal-art ( 35/1499/19/I):</u>**

Dan is-suġġett ġie diskuss f'artiklu 83.3.5.

**83.7.2** **<u>Nixtieq rejazzjoni tal-Kunsill Loali għall-suġġeriment li kont għamilt (35/1501/19/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċivejna din il-korrispondenza mingħand resident fejn qed jagħmel suġġeriment illi peress illi f'Marsaskala bħal ħafna lokalitajiet oħra hawn problema kbira ta parkeġġ jistgħux isiru *drop off points* fejn ikunu idejali biex twaqqaf xi anzjan, jew tniżżel tarbija f'xi każ ta' emerġenza, pero l-problema hi li dawn id-*drop off points* iridu jsiru f'xi kantuniera biex ma jittieħidx post ta' parkeġġ fejn dawn xorta ser jikkawzaw periklu għal vetturi l-oħra li jkunu għaddejin mit-triq.

Kien hemm qbil li ma jsirux *drop off points*.

**83.7.3 <u>PC/00024/18 Proposed change in building alignment Triq il-Grigal c/w Triq is-Sajjieda</u>**

Dan is-suġġett ġie diskuss f'artiklu 82.3.1.

**83.7.4 <u>Proposed Art in Public Spaces 2019-2021 Diversita':</u>**

Dan is-suġġett ġie diskuss f'artiklu 83.3.1.

**83.7.5 <u>Tfiegħ u rimi ta' skart tal-kostruzzjoni bi ksur tar-regolamenti dwar l-iskart f'Bajja San Tumas ( 35/1070/19/I):</u>**

- Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar iddikjara kunflitt ta' nteress u ħareġ mil-laqgħa.

Is-Sindku spjega illi bħal ma jsir kull dabra li ssir maltempata ittieklet it-triq fil-Bajja San Tumas u kien hemm din il-persuna li aċċettat li tmur traqqa partijiet min din it-triq bl-istess materjal. Kompla jgħid illi għandu jmur jiltaqa mal-ERA u jinforma lill-Kunsill wara bl-andament tal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi importanti lil l-enforcement notice taqa minn fuq il-Kunsill għaliex għad hemm multi li qed japplikaw għal kull ġurnata.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb li kieku jsir *retaining wall* biex ma jerġax jitlaq kollox.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li niedu tagħlima u ma nerġgħux inmissu it-triq bħal ma ġara għaliex issa nafu li dan m'għandux isir.

Is-Sindku qal li ghandu laqgha mal-ERA nhar it-Tlieta 23 ta` April u jkun f`puzizzjoni illi jispjega l-andament tal-laqgha fil-laqgha li jmiss.

**83.7.6 <u>Provision of Sanitary Facilities at Ramla taż-Żejtun Marsaskala:</u>**

Is-Sindku qal illi l-MTA ser tkopri l-fondi sabiex isiru mobile toilet units bil-Bajja San Tumas li jammontaw għal €28000 fejn dawn ikunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku fix-xhur tas-sajf.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Perit infurmatu illi trid issir *full development application* mal-PA biex issir struttura minkejja li temporanja.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi irridu nieħdu ħsieb li jkun hemm attendant.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħlas tal-attendanct huwa apparti mill-fondi u staqsa fejn ser jitpoġġew dawn il-mobile toilets kif jgħaddu x-xhur tas-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jistgħu jitpoġġew fil-parkeġġ ta' taħt il-ġibjun.

Is-Sindku qal illi jistgħu jitpoġġew anke fuq is-simenta fejn issir il-quddies.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk ser ikollha id-dawl bilfors li ser ikun hemm bżonn permess.

Kien hemm qbil unanimu illi dawn il-mobile units issiru wara li ssir laqgħa mal-Perit u wara li jinġabu l-permessi meħtieġa.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ mill-laqgħa fit-8.31pm.***

**83.7.6** **Quotation and Proposal for a DPO (35/1355/19/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi wara li attenda l-kors dwar GDPR irċivejna korrispondenza mil-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn infurmawna illi hemm bżonn illi l-Kunsill ikollu data protection officer.

Kien hemm qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-leġislatura l-ġdida.

**83.7.7** **Żieda fin-notch tas-Sinjorina Chantel Zammit minn Mejju 2019:**

Kien hemm qbil dwar dan.

**83.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Petty Cash għax-xahar ta' Marzu 2019.

**83.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Catbros Ltd | Pavement works in Triq San Gwakkin, Pjazza Dun Tarcis Aguis, Triq l-Aħmar, Triq is-Salini, Triq iċ-Ċervjola | 21 | €15960.03 |
| Ms Annalise Farrugia | Public Convenience 13th March-12th April | 3-19AF | €2059.59 |

***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**83.9** **Mozzjonijiet:**

**83.9.1** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (186-26/2/19):**

*"Jipproponi li jsiru żewġ zebra crossings quddiem tal-laħam u fejn il-mużew tal-bniet fi Triq Sant'Anna."*

Is-Sindku qal illi hemm bżonn li jsiru żewġ zebra crossings ħdejn il-*cornerview* u ħdejn *Michael's butcher*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jafx kemm ituna tnejn għaliex qiegħdin viċin xulxin.

Kien hemm qbil unanimu illi nitolbu għal approvazzjoni ta' TMalta.

**83.9.2** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (187-27/2/19):**

*"Jipproponi illi l-Bring in site ta Triq San Ġwakkin titneħħa u minflok jinbena ħajt tintefa l-ħamrija u jitħawwlu s-siġar."*

Kien hemm qbil dwar dan.

**83.9.3** **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (188-4/3/19):**

*"Jipproponi illi il-parkeġġi riservati għall-vetturi tal-kumpanija Goto li qegħdin f'toroq sekondarji jiġu meħuda lura u jingħataw ir-residenti tagħna. Marsaskala għandha problema kbira ta' parkegg u dawn komplew iżiduha."*

Kien hemm qbil dwar dan.

**83.9.4** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (189-8/4/19):**

*"Jipproponi naraw x'possibilta hemm biex fil-Lokalita' jiġi introdott is-servizz ta' trasport għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali fil-Lokalita' bħal ma diġa hemm introdotta f'Kunsilli oħrajn."*

Kien hemm qbil li nibgħatu il-Ministeru għal Anzjani u nitolbu għal aktar informazzjoni

**83.9.5** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (190-10/4/19):**

*"Jipproponi li fi Triq il-Bużbież in-naħa ta' Triq San Ġwakkin ta' sikwit kien hemm kollużjonijiet bejn il-karrozzi peress li min ikun ġej min Ħaż Żabbar jiġi fuq in-naħa l-ħażina ta triq u l-vetturi jiġu wiċċ ma wiċċ u jaħbtu, għamilna bollards bħal dawn fi Triq is-Salvja u toroq oħrajn. Dan għandu jnaqqas il-periklu mit-toroq tagħna."*

Kien hemm qbil dwar dan.

**83.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-8.39pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 15 t'April 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 83- is-Seba Leġislatura.**